MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 550/2010

**Travel Services (Malta) Limited**
**(C-19470)**

***kontra***

**Sebastiano Amatore ezercenti l-kummerc taht id-ditta “Alakey Travel”**

**Il- Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fil-31 ta’ Mejju 2010 li bih is-socjeta’ rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti :

1. Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ;

2. Tiddikjara illi l-ammont ta’ tnax-il elf, sitt mija u wiehed u tmenin Euro u erba` u sittin centezmu (€12,681.64), rapprezentanti l-bilanc ta’ diversi fatturi li nhargu mis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi li gew rezi minnha gewwa Malta fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenut, huwa dovut mill-istess konvenut lis-socjeta` attrici;

3. Tikkundanna ghalhekk lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma ta’ tnax-il elf, sitt mija u wiehed u tmenin Euro u erba` u sittin centezmu (€12,681.64).

Bl-ispejjez u bl-imghax dekorribbli bir-rata ta’ imghax kif definita fl-Art.26A tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta` Malta b’effett mid-data li tigi stabbilita skond l-Artikolu 26C(2)(b) u cioe` minn tletin gurnata wara l-ghoti tas-servizz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnha.

Rat li l-atti tar-rikors mahluf (tradott anke bl-ilsien Ingliz) kienu debitament notifikati lill-konvenut skond il-ligi.

Rat li ma setghetx tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali (ara fol 19 u 20).

Rat li l-konvenut ma ressaq l-ebda risposta mahlufa u ghalhekk baqa` kontumaci.

Rat li l-konvenut ma deher ghal ebda wahda mill-udjenzi ta` din il-kawza.

Semghet lill-Av. Dr. Alex Schembri jiddikjara bil-gurament tieghu fl-udjenza tal-4 ta` Ottubru 2010 li sad-data ta` din l-udjenza ma kien sar l-ebda hlas mill-ammont pretiz u indikat fir-rikors mahluf.

Qieset l-atti tal-kawza.

Billi l-provi attrici mhumiex kontradetti, tqis bhala pruvati t-tieni u t-tielet talbiet attrici.

**Ghalhekk fil-kontumacja tal-konvenut, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk -**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.**

**Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` tnax-il elf, sitt mija u wiehed u tmenin Euro u erba` u sittin centezmu (€12,681.64), rapprezentanti l-bilanc ta' l-hlas ta` diversi fatturi li nhargu mill-kumpannija attrici in konnessjoni ma` servizzi minnha rezi f`Malta fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenut.**

**Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` tnax-il elf, sitt mija u wiehed u tmenin Euro u erba` u sittin centezmu (€12,681.64) kif fuq premess, bl-imghax kif mitlub.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------